MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 95/1994/1

Citaz. Numru 95/1994

Flavia Cassar mart Salvu u l-istess Salvu Cassar, Michelina armla ta' Paul Grech li tidher ghan-nom u n-rapprezentanza tal-imsifrin Gladys mart Gregory Vella u Joseph Grech, Francesca mart Joseph Galea u l-istess Joseph Galea

vs

Carmelo Muscat u Maria mart l-istess Carmelo Muscat, Rose mart John Cardona li tidher kemm f'isimha proprju kif ukoll ghan-nom u in rappresentanza tal-imsiefer zewgha l-imsemmi John Caruana

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni ta' l-atturi fejn ippremettew:

“illi permezz ta’ digriet moghti minn dina l-Onorabbli Qorti fil-21 ta’ Novembru 1993 (1993) fuq rikors ghall-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni kontra l-konvenut, mandat numru 1280/93 fl-ismijiet “Flavia Cassar et noe et –vs- Carmelo Muscat et noe” dina l-Onorabbli Qorti laqghet it-talba tal-atturi ghall-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni kontra l-konvenuti sabiex dawn jigu inibiti milli johorgu jew inehhu ghamara jew oggetti mobili mill-fond numru 34A Triq Sant’ Antnin, Ghajnsielem, Ghawdex, biz-zewg mandretti mieghu annessi, kif ukoll milli jibnu jew jaghmlu xi kostruzzjoni jew modifiki strutturali jew ta’ natura permanenti fl-imsemmi fond;

Illi recentement u cioe nhar il-hamsa ta’ Gunju 1994, l-esponenti indunaw li l-konvenuti nehhew wiehed mill-hitan antiki tal-ghalqa retrostanti li kien wiehed mill-hitan ta’ torri esistenti kif ukoll issostitwew hajt iehor b’gebel tal-kantun aktar dejjaq minn dak li kien hemm qabel;

Illi ghalhekk dan l-agir tal-konvenut jikkostitwixxi ksur tal-ordni tal-Qorti u cioe’ tad-digriet tal-11 ta’ Novembru 1993 u ghalhekk ukoll jikkostitwixxi disprezz lejn l-awtorita tal-Qorti;

TALBU ghaliex m’ghandhiex dina l-Qorti:

1. tiddikjara l-konvenuti hatjin ta’ disprezz lejn l-awtorita’ taghha;

2. tiehu u taghti fil-konfront taghhom dawk il-provvedimenti opportuni u skond il-ligi.

Bl-ispejjes u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata flimkien mal-lista tax-xhieda akkompanjanti ic-citazzjoni tal-atturi;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Carmelo Muscat f’ismu proprju u bhala mandatarju ta’ l-imsiefra martu Maria Muscat, Rose mart John Caruana u ta’ l-istess John Caruana li fiha eccepew:

1. illi t-talbiet attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt u dana peress illi l-ebda wiehed mill-konvenuti ma huwa hati ta' dak allegat fic-citazzjoni u dana peress illi ma huwiex minnu dak li huwa allegat illi l-konvenuti messew xi hajt li dwaru kien hemm il-mandat ta' inibizzjoni numru 1280/93 fl-ismijiet "Flavia Cassar et noe –vs- Carmelo Muscat".

2. Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata flimkien mal-lista tax-xhieda akkompanjanti l-eccezzjonijiet tal-konvenuti;

Ezminat ix-xhieda;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Fid-dikjarazzjoni guramentata taghhom l-atturi jirreferu ghal mandat ta' inibizzjoni li gie milqugh fuq istanza taghhom kontra l-konvenuti li bih l-istess konvenuti gew inibiti "milli johorgu jew inehhu l-ghamara jew l-oggetti mobili mill-fond numru 34A, Triq Sant' Antnin, Ghajnsielem, Ghawdex, biz-zewg mandretti mieghu annessi kif ukoll milli jibnu jew jaghmlu xi kostruzzjoni jew modifika strutturali jew ta' natura permanenti fl-imsemmi fond". Mill-provi tal-atturi jirrizulta li l-ksur jew allegat tali da parti tal-konvenuti tal-ordni kien li ntmiss hajt tas-sejjiegh li kien jifred bicca mill-gnien retrostanti bicca art ohra. Fi kliem l-unika mill-atturi li xehdu, senjatament Flavia Cassar (folio 46), dan il-fatt li kien jikkonsisti filli infetah bieb "fejn qabel kien hemm hajt komuni" gie notat l-ewwel darba minn ohtha, wkoll attrici, Frances Galea li toqghod ma' gemb il-fond. Din il-Qorti, kif preseduta, ghamlet access fuq is-sit u ikkonstatat, kif verbalizzat (folio75) li verament kienet tidher apertura f'dan il-hajt li kienet giet mbarrata bil-gebel.

Ikkunsidrat:

Li billi l-proceduri odjerni huma ta’ “disprezz” ossija regolati taht it-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kodici tal-Procedura Civili m’ghandux jkun hemm dubbju li essenzjalment huma reati u bhala tali ghandhom jigu iggudikati. Fl-*Appell Kostituzzjonali deciz fis-7 ta’ Dicembru 1990* dik il-Qorti Kostituzzjonali fil-waqt li rriteniet, li kif sostnut mis-sentenza appellata, dawn huma fil-fatt reati ossija “criminal charge” u kwindi l-proceduri ghandhom jigu kkunsidrati bhala “criminal charge”, spjegat li “hekk huma minn natura taghhom kif deskritti fil-Kodici, liema Kodici jiddixxiplinhom b’pieni li huma provvduti fil-Kodici Kriminali li ghalih issir, fl-istess artikoli, referenza kostanti”. Fuq kollox il-Kodici stess (Kap 12) fl-Artikolu 997 jistqarr li “kull persuna hatja ta’ xi ghemil jew nuqqas mhux imsemmi fl-artikoli ta’ qabel ta’ dan it-Titolu”, illi jikkostitwixxi disprezz tal-Qorti, tigi, mill-imhallef jew magistrat moghtija l-piena ta’ l-ammenda, jew tal-multa, jew tad-detenzjoni”.

Illi f’dina l-ottika, u fejn allura huma l-kriterji adottati f’proceduri kriminali li huma applikabbli, it-talbiet tal-atturi jinkaljaw stante illi l-provi bl-ebda mod ma jwasslu ghar-reita tal-konvenuti. Dan hu altru li car mill-provi in atti li fil-fehma tal-Qorti lanqas kienu iwasslu ghall-akkoljiment tat-talbiet taghhom anka li kieku l-kawza kellha tigi deciza skond normi applikabbli f’kawzi civili..

Inghad dan, ghalhekk, il-Qorti qeghdha tiddisponi mill-kawza billi tichad it-talbiet tal-atturi bl-ispejjes kollha kontra taghhom.

(ft.) A.M.Trigona
Magistrat.

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur

---------------------------------TMIEM---------------------------------